**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 250/2016 CFF**

**Paul & Rocco (Marsa) Limited**
**vs**
**Robert Scerri et**

**Illum 10 ta' Marzu, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Robert Scerri u Chantelle Scerri fejn esponew:

Illi dan huwa rikors tal-esponenti Robert Scerri u Chantelle Scerri in segwitu tal-ittra ufficjali bin-numru 2419/16 li giet ipprezentata mis-socjeta' Paul & Rocco (Marsa) Limited sabiex ai termini tal-Artikolu 253(e) u l-Artikolu 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, serje ta' kambjali annessi mal-imsemmija ittra ufficjali jigu rezi ezegwibbli skond il-Ligi;

Illi dan ir-rikors qed isir ai termini tal-proviso tal-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement l-esponent qed jitlob is-sospenzjoni ta' l-ezekuzzjoni tal-kambjali ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-esponenti jeccepixxi n-nullita' tal-kambjali msemmija stante li ma gewx iffirmati minn rapprezentant tas-socjeta' traenti Paul & Rocco (Marsa) Limited.

F'dan ir-rigward issir referenza ghall-kawza Pheonix Domestic Appliances Limited vs. Joseph Vassallo deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 t'April, 2001 fejn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta rriteniet illi *"L-artikolu 123 tal-Kodici Kummercjali jelenka l-elementi essenzjali li ghandu jkun fiha l-kambjala fosthom li trid tkun "iffirmata minn min jigbidha" u cioe' "ad validitatem" il-kambjala trid tkun iffirmata mit-traent, f'dan il-kaz is-socjeta' attrici. Fil-kawza fl-ismijiet "Walter Zammit vs Pio Callus" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru, 1981 gie ritenut li kambjala li mhux iffirmata mit-traent ghandha tigi kkunsidrata bhala nulla. Hekk ukoll gie deciz f'diversi kawzi ohrajn, forsthom "Antonio Mifsud et vs Dr. Carmelo Mifsud Bonnici et nomine" (Qorti tal-Kummerc – 29 ta' Novembru, 1974), "Alfred Calascione nomine vs Dr. Carmelo Mifsud Bonnici et nomine" (Qorti tal-Kummerc – 29 ta' Novembru, 1974) u "Henry A. Pace vs Joseph Azzopardi (Prim Awla tal-Qorti Civili – 13 ta' Ottubru 1964 – Vol. XLVIII.II.1206)….Fid-dawl ta' dan kollu t-tlett kambjali in kwistjoni ghandhom jigu ritenuti nulli stante li fil-hin tal-presentata tac-citazzjoni dawn ma kienux iffirmati mit-traent cioe' mis-socjeta' attrici"*;

Illi in vista tas-suespost, l-esponent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali imsemmija fl-ittra ufficjali numru 2419/16 fl-ismijiet premessi.

Rat **ir-Risposta tas-socjeta' Paul & Rocco (Marsa) Limited** fejn esponiet:

Illi l-ammont indikat fl-ittra ufficjali 2419/2016 datata 22 ta' Settembru, 2016, huwa dovut fl-intier tieghu mir-rikorrenti, Robert Scerri u Chantelle Scerri, versu s-socjeta' intimata;

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tan-nullita' tal-kambjali imsemmija, is-socjeta' intimata umilment tirrileva illi din ghandha tigi michuda, stante illi t-talba tar-rikorrenti ma ssib l-ebda fundament legali. Illi bhala fatt is-socjeta' intimata accetatt u zammet il-kambjali mertu ta' din il-kawza kif ser jigi ppruvat fis-smigh ta' din il-kawza u f'dan ir-rigward issir referenza ghall-kawza John Giordmaina et vs Joseph Pace et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar, 2003 fejn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta

irriteniet illi "*il-kreditur irid jaccetta dik l-obligazzjoni, pero', mhux mehtieg li din l-accettazzjoni jimmanifestaha bl-istess formalita' u solennita'. Il-fatt li accetta u zamm il-kambjala hija prova bizzejjed tal-accettazzjoni tieghu*".

Illi l-kambjali mertu ta' din il-kawza huma pjenament validi fil-Ligi u dank if ser jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza. Illi ghal kull buon fini s-socjeta' intimata sejra tipprezenta fil-mori ta' din il-kawza il-kambjali originali mertu ta' din il-kawza iffirmati minnha.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost is-socjeta' intimata titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tichad it-talba tar-rikorrenti;
2. Tiddikjara lir-rikorrenti bhala debitrici tas-socjeta' intimata Paul & Rocco (Marsa) Limited.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali 2419/2016 kontra l-istess rikorrenti, u bir-riserva tal-imghax kif dovut skont il-Ligi.

**Simone Pisani**, hija wahda mid-diretturi tas-socjeta' Paul & Rocco (Marsa) Limited. Tispjega li fl-2011 Chantelle u Robert Scerri xtraw vettura mill-kumpanija Paul & Rocco (Marsa) Limited fejn halsu parti mill-karozza u l-bilanc kellhom ihallsu permezz tal-kambjali. Gara, li fl-2016 is-sinjuri Scerri waqfu jhallsu l-pagamenti dovuti. Is-socjeta' Paul & Rocco (Marsa) Limited pruvat tigbor flusha anke permezz li xtraw kompjuter u sistema ta' CCTV cameras minghand is-sur Robert Scerri u flok halsu flus, l-ammont li ntefqu fuq il-kompjuter u sistema ta' CCTV cameras gew maqtugha mill-kont li kellu s-sur Scerri mal-kumpanija Paul & Rocco (Marsa) Limited. Bhala bilanc fadal €887.74 u Robert Scerri nfurma lil kumpanija Paul & Rocco li kellu xi kera diehla u seta' jhallas €200 fix-xahar minn Jannar sa Mejju, izda dawn ma thallsux. Simone Pisani tikkonferma li Robert u Chantelle Scerri ffirmaw il-kambjali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat li f'din il-kawza r-rikorrenti ma tellghu l-ebda prova biex jaghtu sustanza lit-talba taghhom.

Telghet tixhed Simone Pisani bhala xhud tas-socjeta' intimata li ddikjarat li r-rikorrenti ghad baqghalu bilanc ta' tmien mija sebgha u tmenin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€887.74) xi jhallas lis-socjeta' intimata u giet ezebita l-ittra ufficcjali li ntbaghtet ai termini ta' l-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

Konsegwentement u ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad it-talbiet tar-rikorrenti Robert u Chantelle Scerri, qeghda tordna li jkun hemm l-ezekuzzjoni tal-kambjali esebiti ma' l-ittra ufficcjali numru 2419/2016 datata 22 ta' Settembru 2016, izda limitatament fl-ammont ta' tmien mija sebgha u tmenin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€887.74), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficcjali 2419/2016 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti Robert u Chantelle Scerri.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**